# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/401

## tat-8 ta' Marzu 2022

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jeleneka persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi jew entitajiet assoċjati mar-reġim tal-eks President Saddam Hussein koperti bl-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi u bi projbizzjoni milli l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli.

(2) Fit-3 ta' Marzu 2022, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi seba' persuni mil-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom jeħtieġ li japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President,*
*Direttur Ġenerali*
*Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali*

([1]) ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.

*ANNESS*

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003, jitħassru l-entrati li ġejjin:

"8. **ISEM: Aziz Salih al-Numan**

DATA U POST TAT-TWELID: 1941 jew 1945, An Nasiriyah

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

President tal-Kmand Reġjonali tal-Partit Ba'th;

ex-Gvernatur ta' Karbala u An Najaf;

ex-Ministru tal-Agrikoltura u tar-Riforma Agrarja (1986-1987)"

"10. **ISEM: Kamal Mustafa Abdallah**

MAGĦRUF BĦALA: Kamal Mustafa Abdallah Sultan al-Tikriti

DATA U POST TAT-TWELID: 1952 jew l-4 ta' Mejju 1955, Tikrit

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

Segretarju tal-Gwardja Repubblikana;

Mexxa l-Gwardja Speċjali Repubblikana u kmanda iż-żewġ Korpi tal-Gwardja Repubblikana"

"18. **ISEM: Latif Nusayyif Jasim Al-Dulaymi**

DATA U POST TAT-TWELID: Circa 1941, ar-Rashidiyah, subborg ta' Baghdad

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

Assistent President tal-Bureau Militari tal-Partit Ba'th;

Ministru tax-Xogħol u tal-Affarijiet Soċjali (bejn l-1993 u l-1996)"

"40. **ISEM: Abd-al-Baqi Abd-al-Karim Abdallah Al-Sa'dun**

DATA U POST TAT-TWELID: 1947

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

President tal-Kmand Reġjonali tal-Partit Ba'th f'Diyala

Assistent Kmandant tar-Reġjun tan-Nofsinhar bejn l-1998 u l-2000;

Ex-Speaker tal-Assemblea Nazzjonali"

"41. **ISEM: Muhammad Zimam Abd-al-Razzaq Al-Sa'dun**

DATA U POST TAT-TWELID: 1942, Suq Ash-Shuyukh District, Dhi-Qar

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

President tal-Kmand Reġjonali tal-Partit Ba'th f'At-Tamin;

Ministru tal-Intern bejn l-1995 u l-2001"

"42. **ISEM: Samir Abd al-Aziz Al-Najim**

DATA U POST TAT-TWELID: 1937 jew 1938, Baghdad

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

President tal-Kmand Reġjonali tal-Partit Ba'th f'Baghdad tal-Lvant;"

"53. **ISEM: Qaid Hussein Al-Awadi**

NAZZJONALITÀ: L-Iraq

BAŻI SKONT IR-RIŻOLUZZJONI 1483 TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI:

President tal-Kmand Reġjonali tal-Partit Ba'th f'Ninawa;

Ex-Gvernatur ta' An-Najaf, circa bejn l-1998 u l-2002"